




Il-Kummissjoni
Ewropea

Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Relazzjoni ġdida
li ġġib magħha bidliet kbar



Fl-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit joħroġ mis-Suq Uniku u mill-Unjoni Doganali tal-UE, u l-politiki kollha tal-UE. Din kienet l-għażla tiegħu. B'riżultat ta' dan, jitlef id-drittijiet u l-benefiċċji kollha li kellu bħala Stat Membru tal-UE, u ma jibqax ikun kopert mill-ftehimiet internazzjonali tal-UE.

Dan iġib miegħu bidliet estensivi, li jaffettwaw liċ-ċittadini, lin-negozji, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi u lill-partijiet ikkonċernati fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit.

Sabiex it-tfixkil jiġi limitat kemm jista' jkun possibbli, l-UE u r-Renju Unit qattgħu s-sena li għaddiet jinnegozjaw it-termini ta' "Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni" ġdid biex jirregolaw ir-relazzjonijiet futuri tagħhom issa li r-Renju Unit huwa pajjiż terz.

Fl-24 ta' Diċembru 2020 sar ftehim fil-prinċipju fil-livell tan-negozjaturi. Iż-żewġ partijiet issa jkomplu bil-firma u bir-ratifika tal-Ftehim, b'mod konformi mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħhom, bil-ħsieb li jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021.

X'jinbidel fl-1 ta' Jannar 2021?

Anki bil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2021 ikun hemm bidliet kbar. F'din id-data, ir-Renju Unit joħroġ mis-Suq Uniku u mill-Unjoni Doganali tal-UE, kif ukoll mill-politiki kollha tal-UE u l-ftehimiet internazzjonali. Jispiċċa l-moviment liberu tal-persuni, oġġetti, servizzi u kapital mal-UE.

L-UE u r-Renju Unit se jiffurmaw **żewġt iswieq separati**; żewġt ispażji regolatorji u ġuridiċi distinti. B'dan il-mod jinħolqu mill-ġdid l-ostakli għall-kummerċ bl-oġġetti u s-servizzi u għall-mobilità u l-iskambji transfruntieri li ilhom

ma jeżistu għal għexieren ta' snin – fiż-żewġ direzzjonijiet, b'effett fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fuq iż-żewġ naħat.

Sabiex tgħinhom jippreparaw għal dawn **il-bidliet inevitabbli**, il-Kummissjoni ħarġet gwida estensiva f'"Komunikazzjoni dwar it-Tnejn" adottata fid-9 ta' Lulju 2020 u li kienet akkumpanjata minn madwar 90 avviż settorjali, disponibbli **hawn**.

Eżempji ta' bidla inevitabli fl-1 ta' Jannar 2021:

- **Il-moviment liberu tal-persuni jispiċċa:** L-ċittadini tar-Renju Unit ma jibqax ikollhom il-libertà li jaħdmu, jistudjaw, jibdew negozju jew jgħixu fl-UE. Ikollhom bżonn viżi għal soġġorni fit-tul fl-UE. Japplikaw il-kontrolli fil-fruntieri, iridu jiġu ttimbrati l-passaporti, u l-passaporti tal-annimali domestiċi tal-UE ma jibqgħux validi għar-residenti tar-Renju Unit.
- **Il-moviment liberu tal-oġġetti jispiċċa:** Japplikaw verifiki doganali u kontrolli għall-esportazzjonijiet kollha tar-Renju Unit li jidhru fl-UE. Il-kunsinni agroalimentari tar-Renju Unit irid ikollhom ċertifikati tas-saħħa u jridu jgħaddu minn kontrolli sanitarji u fitosanitarji fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-Istati Membri. Dan ifisser ħin u flus għan-negozji tar-Renju Unit.
- **Il-moviment liberu tas-servizzi jispiċċa:** Il-provdituri ta' servizzi tar-Renju Unit ma jibqgħux jibbenefikaw mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini. Ikollhom jikkonformaw mar-regoli – li jvarjaw – ta' kull Stat Membru, jew jirrilokaw lejn l-UE jekk iridu jkomplu joperaw kif qed jagħmlu bħalissa. Ma jkunx hemm aktar rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali. Is-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit jitilfu l-passaporti tas-servizzi finanzjarji tagħhom.

Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit: X'ġie miftiehem?

Fl-24 ta' Diċembru 2020, in-negozjaturi tal-UE u tar-Renju Unit għamlu **"ftehim fil-prinċipju"** dwar it-test ta' **"Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni"** ġdid biex jirregola r-relazzjonijiet tagħhom issa li r-Renju Unit ħareġ mill-UE. Iż-żewġ partijiet issa jridu jkomplu bil-firma u bir-ratiffika ta' dan il-Ftehim, b'mod konformi mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħhom, bil-ħsieb li jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021.

Filwaqt li **l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit bl-ebda mod ma jilħaq il-livell ta' kooperazzjoni li kien jeżisti meta r-Renju Unit kien membru tal-UE**, dan imur ferm **lil hinn mill-ftehimiet tradizzjonali ta' kummerċ ħieles** u jipprovdi bażi solida għall-preservazzjoni tal-ħbiberija u tal-kooperazzjoni fit-tul tagħna fil-futur.

Jikkonsisti f'dan li ġej:


1. **ftehim ta' kummerċ ħieles** bla preċedent,
2. **kooperazzjoni ambizzjuża dwar kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tas-sajd**,
3. **sħubija mill-qrib għas-sigurtà taċ-ċittadini**,
4. **qafas ta' governanza ġenerali**.

Il-Ftehim jirrifletti l-fatt li r-Renju Unit qed iħalli l-ekosistema ta' regoli komuni, mekkaniżmi ta' superviżjoni u ta' infurzar tal-UE, u b'hekk ma jistax jibqa' jgawdi mill-benefiċċji tas-sħubija jew tas-Suq Uniku.

Jikkonferixxi **drittijiet u obbligi** lil kull parti, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ **l-awtonomija regolatorja u deċiżjonali** tagħhom.

B'talba tar-Renju Unit, il-Ftehim ma jkoprix il-kooperazzjoni dwar **il-politika barranija, is-sigurtà esterna u d-difiża**, minkejja li dan kien inizjalment previst fid-Dikjarazzjoni Politika.

Barra minn hekk, il-Ftehim ma jkopri l-ebda deċiżjoni b'rabta mal-ekwivalenzi għas-servizzi finanzjarji. Lanqas ma jkopri deċiżjonijiet possibbli li jappartjenu għall-adegwatezza tar-reġim ta' protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, jew il-valutazzjoni tar-reġim sanitarju u fitosanitarju tiegħu għall-fini li jiġi elenkat bħala pajjiż terz li għandu l-permess jesporta prodotti tal-ikel lejn l-UE. Dawn huma u jibqgħu **deċiżjonijiet unilaterali tal-UE** u mhumex soġġetti għal negozjati.



Patt wieħed, 4 pilastri ewlenin ta' kooperazzjoni

Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit

Kummerċ, aspetti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tas-sajd

Kummerċ ħieles, ġust u sostenibbli

- Kummerċ f'oġġetti, inkluża l-kooperazzjoni doganali u regolatorja
- Servizzi u investiment
- Kummerċ diġitali, proprjetà intellettwali u akkwist pubbliku
- Regoli għal kompetizzjoni ġusta u sostenibbiltà

Konnettività, sostenibbiltà u opportunitajiet kondiviżi

- Trasport
- Enerġija
- Sajd u riżorsi naturali
- Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali
- Programmi tal-Unjoni
- Kooperazzjoni tematika

Sigurtà taċ-ċittadini

- Infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali
- Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tad-data personali
- Skambju tad-data
- Ħidma kontra l-ħasil tal-flus

Miżuri unilaterali potenzjali tal-UE

Mhux soġġetti għal negozjati:

- Deċiżjoni ta' adegwatezza dwar il-protezzjoni tad-data
- Inseriment tar-Renju Unit fl-elenku tal-pajjiżi terzi rigward l-SPS
- Ekwivalenzi fis-servizzi finanzjarji

Qafas ta' governanza ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit għal kooperazzjoni dejjiema

- Valuri kondiviżi u elementi essenzjali
 - Kunsill ta' Shubja
- Riżoluzzjoni ta' tilwim, infurzar u mekkaniżmi ta' sanzjonijiet
- Rieżamijiet perjodiċi



Kummerċ ħieles, ġust u sostenibbli

Ir-Renju Unit għażel li joħroġ mis-Suq Uniku u mill-Unjoni Doganali. Għalhekk, il-kummerċ mal-UE ma jistax jibqa' bla xkiel. Madankollu, il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit joħloq żona ta' kummerċ ħieles b'ambizzjoni mingħajr preċedent,

li tipprovdi benefiċċji sinifikanti għaż-żewġ naħat meta mqabbel mal-kummerċ skont it-termini tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.



Il-Ftehim huwa avangardist f'dak li jikkonċerna politika kummerċjali moderna u sostenibbli. Jimpenja liż-żewġ partijiet biex jirrispettaw **standards għoljin komuni** li jiżguraw il-protezzjoni tal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali, il-protezzjoni ambjentali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju, u t-trasparenza fiskali. Jinkludi wkoll prinċipji dettaljati dwar **l-għajjuna mill-Istat** biex jiġi evitat li xi waħda min-naħat tagħti sussidji inġusti li jfjixx l-kummerċ.



Dawn l-istandards u l-prinċipji huma assoċjati mal-**mekkaniżmi ta' infurzar domestiku u ta' soluzzjoni ta' tilwim** biex jiġi żgurat li n-negozji mill-UE u mir-Renju Unit jikkompetu b'**kundizzjonijiet ekwi**. Il-partijiet għandhom id-dritt li jieħdu miżuri unilaterali biex jissalvagwardjaw l-ekonomiji tagħhom kontra kompetizzjoni inġusta mill-parti l-oħra.



Il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit imur lil hinn mill-ftehimiet ta' kummerċ ħieles reċenti tal-UE ma' pajjiżi terzi oħra bħall-Kanada jew il-Ġappun, billi jipprevedi **tariffi żero u kwoti żero** fuq l-oġġetti kollha. Dan huwa partikolarment importanti għal oġġetti sensitivi bħall-prodotti agrikoli u tas-sajd. Pereżempju, mingħajr il-ftehim, l-esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam jew tal-ħalib kienu jiffaċċjaw tariffi oġġa minn 40 % skont ir-rati tad-WTO, jew 25 % għal ħut fil-laned – fuq iż-żewġ naħat. L-esportazzjonijiet tal-karrozz kienu jintlaqtu wkoll minn tariffa ta' 10 %.



Sabiex jibbenefikaw minn dawn il-preferenzi kummerċjali eċċezzjonali, in-negozji jridu jagħtu prova li l-prodotti tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għar-**"regoli tal-orijini"**. Dan jiżgura li l-preferenzi kummerċjali mogħtija fil-qafas tal-Ftehim jibbenefikaw lill-operaturi tal-UE u tar-Renju Unit aktar milli ta' pajjiżi terzi, għall-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità u tinqata' l-burokrazija żejda, il-Ftehim jippermetti lin-negozjanti jiċċertifikaw huma stess l-orijini tal-merkanzija u jipprevedi "akkumulazzjoni shiġha" (jiġifieri n-negozjanti jistgħu jieħdu kont mhux biss tal-materjali oriġinarji użati, imma anki jekk l-ipproċessar sarx fir-Renju Unit jew fl-UE).



Il-proċeduri doganali se jiġu ssimplifikati fil-qafas tal-Ftehim, billi ż-żewġ Partijiet qablu pereż. li jirrikonoxxu l-programmi ta' xulxin għan-negozjanti ta' fiduċja ("Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati"). Madankollu, billi r-Renju Unit iddeċieda li joħroġ mill-Unjoni Doganali, japplikaw verifiki għall-oġġetti kollha li jsir kummerċ bihom. Il-Partijiet qablu wkoll li jikkoooperaw fuq l-irkupru tad-dazji doganali, u fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u taxxi indiretti oħra.



Il-Ftehim jipprevedi **ostakli tekniċi għall-kummerċ** bla bżonn, pereż. billi jipprevedi l-awtodikjarazzjoni tal-konformità regolatorja għal prodotti b'riskju baxx u faċilitazzjonijiet għal prodotti speċifiċi oħra ta' interess reċiproku, bħall-karozzi, l-inbid, il-prodotti organiċi, il-mediċini u l-kimiki. Madankollu, l-oġġetti kollha tar-Renju Unit li jidhru fl-UE xorta jkollhom jissodisfaw l-istandards regolatorji għoljin tal-UE, inkluż dwar is-sikurezza tal-ikel (pereż. l-istandards sanitariji u fitosanitariji) u s-sikurezza tal-prodotti.



Rigward **il-kummerċ fis-servizzi**, l-UE u r-Renju Unit qablu dwar livell ta' ftuħ li jmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (General Agreement on Trade in Services, GATS) tad-WTO, filwaqt li jiġi rifless il-fatt li r-Renju Unit ma jibqax jibbenefika mil-libertà li jipprovdi servizzi fl-UE kollha.



Saru arranġamenti biex jiġu ffaċilitati **l-vjaġġi ta' negozju għal żmien qasir u s-sekondar temporanju ta' impjegati b'ħiliet għolja**. Il-fornituri tas-servizzi tal-UE li jixtiequ joffru servizzi fir-Renju Unit ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit f'oqsma koperti mill-Ftehim, dment li jikkonformaw mar-regoli tar-Renju Unit.



B'mod simili, il-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit fl-UE ikollhom jikkonformaw mar-regoli tal-pajjiż ospitanti f'kull Stat Membre, u ma jibqgħux jibbenefikaw mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, **rikonoxximent reċiproku** (pereż. ta' kwalifiki professjonali), jew mid-drittijiet tal-**passaportar** għas-servizzi finanzjarji. Il-fornituri tas-servizzi u l-investituri tar-Renju Unit jistgħu jistabbilixxu ruħhom ukoll fl-UE biex joffru servizzi fis-Suq Uniku kollu.



Kif inhi l-prattika standard, xi setturi huma esklużi mill-ftehim dwar is-servizzi: servizzi pubbliċi, servizzi ta' interess ġenerali, xi servizzi tat-trasport, u servizzi **awdjoviżivi** biex tiġi ppreservata d-diversità kulturali.

Konnettività, sajd, sostenibbiltà u opportunitajiet kondiviżi

Il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jipprevedi wkoll kooperazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali wiesgħa f'oqsma ta' interess reċiproku. Din il-kooperazzjoni bl-ebda mod ma tirreplika l-benefiċċji tas-sħubija fl-UE, imma sservi biex ti-

bni mill-ġdid rabtiet li kieku jinqatgħu wara t-tluq tar-Renju Unit minħabba nuqqas ta' soluzzjonijiet internazzjonali alternattivi ta' rimedju.



It-trasport huwa mutur essenzjali ta' benefiċċji ekonomiċi fir-relazzjonijiet UE-Renju Unit. Kull sena madwar 210 miljun passiġġier u 230 miljun tunnellata ta' merkanzija jinġarru bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jiżgura konnettività kontinwa bl-ajru, bit-triq u marittima, b'sostenn għal dawn il-flussi. B'mod importanti, il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-UE u tar-Renju Unit isseħħ b'**kundizzjonijiet ekwi**, bl-iżgurar ta' livelli għoljin ta' sikurezza fit-trasport, drittijiet tal-ħaddiema u tal-passiġġieri, u protezzjoni ambjentali.



Rigward **l-avjazzjoni**, il-linji tal-ajru tar-Renju Unit ma jibqgħux jitqiesu bħala trasportaturi tal-UE u jitilfu d-drittijiet tat-traffiku eżistenti fl-UE. It-trasportaturi tal-UE u tar-Renju Unit ikunu jistgħu jwettqu ġarr illimitat ta' passiġġieri u merkanzija bejn punti fl-UE u punti fir-Renju Unit ("it-tielet u r-raba' libertajiet"). Ikun possibbli li l-merkanzija tkompli tinġarr minn/lejn pajjiż terz ("il-ħames libertà") (pereż. Pariġi-Londra-New York), jekk l-Istati Membri jaqblu b'mod bilaterali u b'mod reċiproku dwar dan mar-Renju Unit. Il-Ftehim jiżgura wkoll kooperazzjoni dwar is-sikurezza, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.



Rigward **it-trasport bit-triq**, l-operaturi tat-trasport tal-UE u tar-Renju Unit ikunu jistgħu jgħorru merkanzija lejn u minn xi punt tat-territorju tal-parti l-oħra, dment li jissodisfaw l-istandards għoljin maqbula dwar is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Ikunu jistgħu wkoll iwettqu żewġ operazzjonijiet addizzjonali fit-territorju tal-parti l-oħra (li massimu ta' waħda minnhom hija operazzjoni ta' kabotaġġ għat-trasportaturi tar-Renju Unit), biex jiġi limitat ir-riskju li jivvjaġġaw lura mingħajr tagħbija. Il-Ftehim jipprevedi wkoll drittijiet sħaħ ta' tranżitu (pereż. id-dritt għat-trasportaturi Irlandiżi li jaqsmu r-Renju Unit biex jilhqqu l-bqija tal-UE).



Fis-snin li għaddew, is-swieq tal-**enerġija** tal-UE u tar-Renju Unit saru interkonnessi ħafna bis-saħħa ta' interkonnetturi (kej-bils tal-elettriku u pipelines tal-gass) mibnija bejniethom. Għalkemm ir-Renju Unit ma jibqax jibbenefika mid-drittijiet tas-Suq Uniku, il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jiffaċilita l-flussi kontinwi tal-enerġija – essenzjali għall-funzjonament taż-żewġ ekonomiji – billi jistabbilixxi arranġamenti kummerċjali ġodda rigward l-interkonnetturi. Jistabbilixxi wkoll qafas ambizzjuż għall-kooperazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli u l-indirizzar tat-**tibdil fil-klima** (inkluża dispożizzjoni li tiskatta s-sospensjoni tal-ftehim jekk xi naħa tikser l-impenji tagħha fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima). Ftehim separat jipprevedi wkoll kooperazzjoni wiesgħa dwar l-użi sikuri u paċifiċi tal-enerġija **nukleari**.



Il-Ftehim jistabbilixxi arranġamenti ġodda għall-ġestjoni konġunta ta' aktar minn 100 stokk tal-**ħut** kondiviż fil-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit. Fil-qafas tal-Ftehim, il-bastimenti tas-sajd tal-UE jibqa' jkollhom il-livell attwali ta' aċċess għall-ibħra tar-Renju Unit għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5.5 snin, bi tnaqqis gradwali u bbilanċjat maż-żmien tal-kwoti tal-UE fl-ibħra tar-Renju Unit. Minn hemm 'il quddiem, l-UE u r-Renju Unit ikollhom konsultazzjonijiet annwali biex jaqblu dwar opportunitajiet tas-sajd bil-ħsieb tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u marini, filwaqt li jiġu ppreservati l-attivitajiet u l-għajxien tal-komunitajiet tas-sajd li jiddependu fuq dawn l-ibħra u r-riżorsi.



Il-Ftehim jipprevedi li r-Renju Unit jibqa' jipparteċipa fil-**programmi ta' finanzjament tal-UE** mmirati biex jiġġeneraw benefiċċji reċiproċi fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni u tal-ispazju. Dawn il-programmi huma: Orizzont Ewropa, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, il-faċilità tal-ittestjar tal-fużjoni ITER, Copernicus, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi tal-UE għas-Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (Satellite Surveillance & Tracking, SST).



Il-Ftehim fih għadd ta' miżuri ta' **koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali** li għandhom l-għan li jipproteġu l-intitolamenti ta' ċittadini tal-UE li joqogħdu, jaħdmu jew imorru għixu b'mod temporanju fir-Renju Unit, u ċittadini tar-Renju Unit li joqogħdu, jaħdmu jew imorru għixu b'mod temporanju fl-UE wara l-1 ta' Jannar 2021. Huma koperti firxa wiesgħa ta' benefiċċji, inklużi pensjonijiet tax-xjuħija u tas-superstiti, il-kura tas-saħħa (pereż. il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa), il-benefiċċji ta' qabel l-irtirar, il-benefiċċji tal-maternità/tal-paternità marbuta mat-twelid ta' tarbija, jew aċċidenti fil-post tax-xogħol.

Qafas ġdid għas-sigurtà taċ-ċittadini tagħna

L-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit kontra theddid komuni u li jevolvi, bħall-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu jibqa' prijorità kondiviża, anki jekk ir-Renju Unit għażel li joħroġ mill-UE u jkun pajjiż terz barra miż-żona ta' kooperazzjoni ta' Schengen, li effettivament ifisser li huwa eskluż mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE.

F'dan l-isfond, l-UE u r-Renju Unit b'hekk qablu li jistabbilixxu **qafas ġdid għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali**, biex tkun possibbli kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-pulizija nazzjonali u l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-iskambju rapidu ta' **data** vitali.



Il-kooperazzjoni mill-qrib u komprensiva tal-pulizija u dik ġudizzjarja ma' xi pajjiż terz trid tkun akkumpanjata minn garanziji sodi u dejjiema għall-**protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi**. Għaldaqstant, il-Ftehim jimpenja lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lir-Renju Unit biex ikompli jipproteġu u jagħtu effett domestiku lid-drittijiet fundamentali, bħal dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). F'każ li r-Renju Unit jonqos milli jaderixxi, l-UE tista' tissospendi l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji. Il-Ftehim jinkludi wkoll impenn mill-UE u r-Renju Unit li jippreservaw standards għoljin tal-protezzjoni tad-**data**. Dan jiġi aċċertat b'deċiżjonijiet ta' adegwatezza meħuda unilateralment minn kull naħa.



Il-kondivizzjoni tad-data u l-analiżi effettivi u rapidi huma dejjem aktar ċentrali għall-infurzar modern tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità. Madankollu, ir-Renju Unit ma jibqax ikollu aċċess dirett u f'ħin reali għal bażijiet tad-**data** sensitivi tal-UE li jappoġġaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE – billi dan huwa pprovdut biss lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati mill-qrib ħafna li jaċċettaw l-obbligi kollha ta' akkumpanjament. Madankollu, il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jinkludi arranġamenti ambizzjużi għal skambji f'waqthom, effettivi, effiċjenti u reċiproċi ta' **data** dwar il-passiġġieri tal-ajru (magħrufa bħala Regjistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri jew Passenger Name Records, PNR), informazzjoni ta' rekords kriminali, kif ukoll **data** dwar id-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi ("**data** Prüm").



Il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jippermetti kooperazzjoni effettiva bejn ir-Renju Unit u **l-Europol u l-Eurojust**, f'konformità mar-regoli għall-pajjiżi terzi stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE. Dan jgħin biex jiġu żgurati kapaċitajiet robusti biex tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera serja.



Il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jippermetti kooperazzjoni b'saħħitha tal-pulizija u tal-awtoritajiet ġudizzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit, pereżempju billi jappoġġa **l-konsenja rapida ta' kriminali**, bl-evitar ta' proċeduri twal ta' estradizzjoni bis-saħħa ta' proċessi simplifikati, skadenzi stretti, salvagwardji robusti, drittijiet proċedurali u kontroll ġudizzjarju. Dan il-livell ta' kooperazzjoni huwa bla preċedent għal pajjiż terz mhux parti minn Schengen. Fil-qafas tal-ftehim, ir-Renju Unit jew l-Istati Membri tal-UE jistgħu madankollu jirrifjutaw konsenja jew jitolbu għal salvagwardji addizzjonali f'għadd ta' każijiet speċifiċi, speċifikament fir-rigward taċ-ċittadini proprji.



Finalment, il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit jipprevedi kooperazzjoni fil-**ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**.

Qafas ta' governanza ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit għal kooperazzjoni dejjiema

Bħala bażi għal sħubijiet ekonomiċi u tas-sigurtà interna ġodda bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit fih kapitoli dwar il-governanza li jipprovdi ċarezza

dwar kif il-Ftehim jiġi mħaddem u infurzat. Ġie maħsub biex ikun flessibbli u adattabbli għal ħtiġijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu f'oqsma differenti.



Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni u l-komplessità tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, l-UE insisti-et fuq **qafas uniku ta' governanza** għall-Ftehim kumplessiv. Dan huwa l-uniku mod kif tingħata ċertezza legali lin-negozji, lill-konsumaturi u liċ-ċittadini, waqt li tiġi evitata l-burokrazija addizzjonali ta' strutturi paralleli multipli.



Kunsill ta' Sħubija jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Magħmul minn rappreżentanti tal-UE u tar-Renju Unit, il-Kunsill ta' Sħubija jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti skont il-kwistjoni. Dan ikun il-forum li fih il-Partijiet jiddiskutu kull kwistjoni li tista' tinqala', bis-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti b'konsens reċiproku. Ikun assistit fil-ħidma tiegħu minn Kumitati Speċjalizzati u Gruppi ta' Ħidma.



Jekk ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, jista' jiġi stabbilit tribunal ta' arbitraġġ indipendenti biex isolvi l-kwistjoni permezz ta' deċiżjoni vinkolanti. Dan il-**mekkaniżmu orizzontali għas-soluzzjoni ta' tilwim** ikopri l-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-Ftehim, inklużi l-kundizzjonijiet ekwi u s-sajd.



Hu akkumpanjat minn **mekkaniżmi ta' infurzar u salvagwardja** kredibbli u robusti, inkluża l-possibbiltà li jiġu sospiżi l-impenji tal-aċċess għas-suq, pereż. bl-introduzzjoni mill-ġdid ta' tariffi u/jew kwoti fis-settur affettwat. Barra minn hekk, iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jirritalljaw b'mod trasversali jekk il-parti l-oħra ma tikkonformax ma' deċiżjoni tat-tribunal ta' arbitraġġ indipendenti. Pereżempju, ksur minn parti waħda li jikkonċerna settur ekonomiku speċifiku jippermetti lill-parti l-oħra tirritallja b'miżuri f'setturi ekonomiċi oħra. Finalment, kull ksur sostanzjali tal-obbligi minnha bħala "elementi essenzjali" tal-Ftehim (il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, ir-rispett tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali, jew in-nonproliferazzjoni) jista' jiskatta s-sospensjoni jew it-terminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit.

Sfond

Fit-**23 ta' Ġunju 2016**, ir-Renju Unit organizza referendum li fih maġġoranza vvutat għall-ħruġ mill-Unjoni Ewropea (51.9 % biex joħroġ u 48,1 % biex jibqa'). Wara tliet snin ta' negozjati, l-UE u r-Renju Unit qablu fuq Ftehim dwar il-ħruġ li jistabbilixxi t-termini għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u li jipprovdi ċertezza legali f'oqsma importanti, inklużi: il-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, l-evitar ta' fruntiera fiżika fil-gżira tal-Irlanda u saldu finanzjarju.

Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-**1 ta' Frar 2020 u r-Renju Unit ma baqax membru tal-UE**. Madankollu, il-Ftehim dwar il-ħruġ ippreveda **perjodu ta' tranżizzjoni** li jidm sal-31 ta' Diċembru 2020, li matulu d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit u fih. L-UE u r-Renju Unit użaw dan il-perjodu ta' *status quo* biex jinnegozjaw sħubija għall-futur.

Fuq in-naħa tal-UE, in-negozjati tmexxew min-**Negozjatur Ewlieni tal-Kummissjoni Ewropea Michel Barnier** u



t-Task Force għar-Relazzjonijiet mar-Renju Unit (Task Force for Relations with the United Kingdom, UKTF), fuq il-bażi ta' mandat għal negozjati mill-Kunsill, bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew.

Waqt in-negozjati, il-Kummissjoni Ewropea żgurat **proċess trasparenti u inklużiv** ħafna, b'laqgħat regolari mas-**27 Stat Membru tal-UE**, mal-**Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali**, kif ukoll mal-korpi konsultattivi tal-UE, mal-partijiet ikkonċernati u mas-soċjetà ċivili, u bil-pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha rilevanti għan-negozjati fuq is-sit web tagħha.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2020

L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata kreditu xieraq u kwalunkwe tibdil ikun indikat (Liċenzja internazzjonali Creative Commons Attribution 4.0). Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex tal-UE, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

L-immaginjiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Print ISBN 978-92-76-27068-3
PDF ISBN 978-92-76-27046-1

doi:10.2775/27910
doi:10.2775/557310

KA-06-20-104-MT-C
KA-06-20-104-MT-N